MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2009

Numru 563/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**
**vs**

**CHARLES SIVE CHARLO' CUTAJAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Charles sive Charlo' Cutajar ta' 44 sena, iben il-mejjet Domenic u il-mejta Odette nee' Giacosa, imwieled fit-18 ta' Mejju 1963 f'Bormla, detentur ta' karta tal-identita' Maltija bin-numru 275063M u residenti fil-fond St. Catherine, Triq San Bartolomew, Zurrieq.

Billi gie akkuzat talli:

1. talli fis-27 t'April 2008 ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofs inhar f'Hal-Kirkop flimkien ma persuna/i ohra ikkommetta serq ta' apparat mekkaniku u cioe' "crane winch" li ghandu valur ta' madwar sebgha mitt Euro ghad-dannu tad-diretturi ta' vassallo Builders, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur;

2. u aktar talli fid-29 t'April 2008 u fil-jien ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer laqa ghandu jew/u xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew/u akkwistati b'reat, u cioe' "crane winch" sew jekk dan issir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. u aktar talli sar recediv a termini ta' artikoli 49, 50 u 280(1) ta' Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali market bhala Dok CC3 fil-Process u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq aggravat u konsegwentement talab lill-Qorti sabiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza u t-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza u t-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata lil sidha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(b) u (c), 263, 267, 278(2), 280(2), 17, 31, 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Charles sive Charlo Cutajar, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha l-wahda l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata lil sidha u minn naha l-ohra il-fedina penali xejn felici tal-imputat tikkundanna lill-imputat Charles sive Charlo Cutajar ghall-piena komplessiva ta’ erbatax (14) il-xahar prigunerija.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Charles sive Charlo’ Cutajar li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur rigward din l-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’

din l-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Charles sive Charlo' Cutajar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------